MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 333/2007

**Av. Antoine Camilleri (numru tal-karta ta' l-identita' 495276 (M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG.**

**vs**

**Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Luisa Tufigno nominati bhala kuraturi deputati b'digriet datat 17 ta' Awissu 2007 biex jirrapprezentaw lis-socjeta' Eurl El Hamadja Imp/Exp Hay Houari Boumedienne Bir El Ater W-Tebessa 12200 Algeria.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Dottor Antoine Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet

esteri adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG datat 23 ta’ Marzu 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-ewwel socjeta’ rikorrenti adidas International Marketing B.V., ta’ Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam, ta’ l-Olanda hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala “*three stripes device*” liema markju huwa wzat fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument “A”;

Illi din l-ewwel socjeta’ rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali ta’ l-istess markju distintiv “*three stripes device*” fil-komplessita’ tieghu rregistrat fir-Registru tal-Markji f’Malta taht *Trademark No*. 29740 (kif muri f’Dok. “A”), kif ukoll minhabba l-fatt illi din l-ewwel socjeta’ rikorrenti ghandha d-drittijiet ta’ l-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku “*three stripes device*” u dan kollu *ai termini* ta’ l-artiklu 2 ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi t-tieni socjeta’ rikorrenti adidas-Salomon AG, ta’ Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markji distintivi maghrufa bhala “*three stripes device on clothing*”, “*trefoil device*”, u “*adidas*” liema markji huma wzati mis-socjeta’ rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti “B”, “C”, “D” u “E”;

Illi din t-tieni socjeta’ rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali ta’ l-istess markji distintivi “*three stripes device on clothing*”, “*trefoil device*”, u “*adidas*” fil-komplessita’ taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f’Malta taht *Trademark No*. 10994 (kif muri f’Dok. “B”), *Trademark No.* 30173 (kif muri f’Dok. “C”), *Trademark No.* 13562 (kif muri f’Dok. “D”), u *Trademark No.* 29878 (kif muri f’Dok. “E”), kif ukoll minhabba l-fatt illi din t-tieni socjeta’ rikorrenti ghandha d-drittijiet ta’ l-awtur fuq dawn

l-imsemmija disinnji jew xoghlijiet artistici "*three stripes device on clothing*", "*trefoil device*", u "*adidas*" u dan kollu *ai termini* ta' l-artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi jirrizulta illi fit-2 ta' Frar 2007 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM NABUCCO", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markji tas-socjetajiet rikorrenti fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'elf u erba' mitt (1,400) par, b'Container Numru TRLU7258859 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-KAP. 414;

Illi mill-Polza ta' Kargu Numru NBTP003314C jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala Eurl El Hamadja Imp/Exp Hay Houari Boumedienne Bir El Ater W-Tebessa 12200 Algeria, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala Lianyungang Huadu-Trade Co. Ltd;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta' intellettwali huwa projbit skond l-artikolu 4 ta' l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali taz-zewg socjetajiet rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-KAP. 414, li favur taghhom huma rregistrati l-markji distintivi maghrufa bhala "*three stripes device*", "*three stripes device on clothing*", "*trefoil device*" u "*adidas*", kif spjegat aktar 'il fuq, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' l-awtur illi z-zewg socjetajiet rikorrenti ghandhom fuq l-imsemmija markji distintivi rispettivi taghhom li huma wkoll xoghlijiet artistici protetti bil-KAP. 415 tal-Ligijiet ta' Malta – Att Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, u dan skond l-artikolu 2(1)(b) tal-KAP. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel

rapprezentant ta’ l-ewwel socjeta’ rikorrenti adidas International Marketing B.V. f’isem iz-zewg socjetajiet rikorrenti (ara rapport ta’ l-analizi mmarkat bhala Dok. “F”);

Illi din il-konsenja ta’ zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provedimenti tal-KAP. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu z-zewg socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja ta’ l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “G”);

Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Illi ghalhekk l-istess socjetajiet attrici talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet rikorrenti, tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-KAP. 414);

2. Fil-konfront ta’ l-ewwel socjeta’ rikorrenti, jigifieri adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti f’elf u erbgha mitt (1,400) par, b’Container Numru TRLU7258859 da parti tas-socjeta’ intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali ta din is-socjeta’ rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta’ l-artikolu 4 tal-KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f’isem is-socjeta’ rikorrenti bin-

Numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta' l-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "*three stripes device*";

3. Fil-konfront tat-tieni socjeta' rikorrenti, jigifieri adidas-Salomon AG, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi li tikkonsisti f'elf u erbgha mitt (1,400) par, b'Container Numru TRLU7258859 da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali ta' din is-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-artikolu 4 tal-KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta' l-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghlijiet artistici taghha *"three stripes device on clothing", "trefoil device",* u *"adidas";*

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet rikorrenti a bazi ta' l-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skond l-artikolu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u hdax-il (11) dokument esebit u mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "K" kif jidhru a fol. 9 sa fol. 49 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dr. Luigi A. Sansone *nomine* datat 23 ta' Lulju 2007 a fol. 65 tal-process fejn is-socjeta' rikorrenti talbet lill-Onorabbli Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-intimata EURL El Hamadja Omp/Exp Hay Houari Boumedienne Bir El Ater W-Tebessa 12200 Algeria, fl-atti tar-rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta` CMA CGB Agencies Worldwide. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxalli, u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija l-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Patrick Valentino u lill-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet moghti fis-17 ta' Awissu 2007 kif jidher a fol. 50 tal-process.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta biex tinstema' fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li l-kuraturi Dr. Patrick Valentio u l-PL Luisa Tufigno gew nominati kemm bir-rikors u kemm bl-avviz ta' smigh kif jidher *a tergo* ta' fol. 59 u fol. 61 tal-process rispettivament.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Antoine Camilleri *nomine* datata 10 ta' Settembru 2007 a fol. 62 tal-process li biha

pprezenta zewg (2) dokumenti mmarkati bhala Dok. “GA 1” u Dok. “AC 1”.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Antoine Camilleri *nomine* datata 12 ta’ Settembru 2007 a fol. 69 tal-process li biha pprezenta prospett (Dok “AC 2”) li fih hemm dettalji dwar il-*quantum.*

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr. Patrick Valentino u P.L. Luisa Tufigno pprezentata fit-8 ta’ Ottubru 2007 a fol. 90 tal-process fejn esponew: -

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottejnu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat l-lista tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati a fol. 76 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti hekk presjeduta tal-21 ta’ Novembru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri ghas-socjeta` attrici li ddikjara li ma baqalux provi aktar. Deher Dr. Patrick Valentino li pprezenta nota bil-korrispondenza relattiva u nforma lill-Qorti li s-socjeta` konvenuta ma kkomunikatx mieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Dicembru 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KOSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn is-socjetajiet attrici qed jallegaw li huma proprjetarji rispettivament tal-markji distinitivi “*three stripes device*” u tad-dritt industrijali ta’ proprjeta’ industrijali ta’ l-istess markji distintivi *“three stripes device on clothing”, “trefoil device” u “adidas*” fuq diversi oggetti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra skond kif indikat fl-att promotorju ta’ din il-kawza u d-dokumenti

esebiti u liema markji u drittijiet huma wkoll registrati f'Malta u ghalhekk l-istess socjetajiet attrici ghandhom fil-konfront tal-istess il-protezzjoni tal-ligi inkluza dik taht id-disposizzjonijiet tal-**Kap 414;**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru TRLU7258859 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk fit-2 ta' Frar 2007 instabu 1,400 par zarbun sportiv ta' l-istess marka "adidas", liema *container* kien in transitu minn Malta destinat ghas-socjeta' konvenuta, liema konsenja fid-9 ta' Frar 2007 l-Kontrollur tad-Dwana waqaf ir-rilaxx ta' l-istess sakemm isiru l-ezamijiet relattivi skond il-ligi dwar l-awtenticita' ta' l-istess, b'dan li s-socjetajiet attrici gew mgharfa b'dan, u wara li sar ezami ta' l-istess instab minnhom li tali oggetti fil-fatt kienu kontrafatti.

Illi allura peress li jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap 414, u s-socjetajiet attrici inizjaw dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu ndikat gie prezentat ir-rikors guramentat odjern datat 23 ta' Marzu 2007.

Illi tali talbiet huma simili ghal dawk fis-sentenzi **"Av. Dr. David Tonna nomine vs Dr. Leslie Cuschieri et nomine"** (P.A. (LFS) – 14 ta' April 2005) u **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (TM) – 2 ta' Frar 2006); **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) u **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) – 1 ta' Novembru 2006) u peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. "A" sa Dok. "K" u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit ta' l-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. "GA 1" – fol. 63) tas-7 ta' Settembru 2007 li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Timothy George James Behean (Dok. "F") li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni ta’ l-istess oggetti hija elenkata fil-prospett u d-dokumenti esebiti nan-nota tar-rikorrenti datata 12 ta’ Settembru 2007 inkluz Dok. “AC 2” – fol. 70 u jirrizulta li dawn jammontaw ghas-somma ta’ Lm596.26 (€1,388.91). Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha biss fis-sens hawn indikat b’dan li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u oggetti mdahhla b’piraterija u dan skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 414;**

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja – zraben sportivi li tikkonsisti f’ elf u erba’ mitt par (1,400) da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ propjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici in kwistjoni li ma humiex genwini, skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap 414** (**Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** u ghaldaqstant bi vjolazzjoni ta’ l-**artikolu 4 ta’ l-istess Kap 414** u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f’isem is-socjeta` attrici bin-Numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “*three stripes device*”;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din l-imsemmija konsenja ta’ arloggi tikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** tat-22 ta’ Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f’isem is-socjeta` attrici bin-Numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji “*three stripes device*” registrati f’isem is-socjeta` attrici (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta’ Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (ta’ l-Unjoni Ewropea), u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta’ l-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “*three stripes device*”;

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana a bazi ta’ l-ewwel talba, it-tieni u tielet talba sabiex fi zmien ta’ ghoxrin (20) gurnata tax-xoghol mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u kollox ghas-spejjes tas-socjeta` konvenuta skond l-**artikolu 8 tal-Kap 414**;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba in kwantu din il-Qorti intalbet tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – **Kap 414** tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan *stante* li fic-cirkostanzi tal-kaz ma hemmx bzonn tali talba.

6. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ hames mija u sitta u disghin liri Maltin (Lm596.26) ekwivalenti ghal elf tliet mija u tmienja u tmenin Ewro u wiehed u disghin centezmu ta’ l-Ewro (€1,388.91) bhala spejjes fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u ta’ l-ispejjez ta’ l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta b’dan li d-drittijiet tal-kuraturi jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------